A.D. H.D.

FAMILY SUPPORT GROUP MALTA

P.O. Box No 2, St Julians STJ 1001 / Tel 21233749 (Answering machine – Leave a message and we will phone back).

2nd November 2007

CIRCULAR NO. 118

Dear Members,

It's time for the next monthly meeting of the AD/HD Family Support Group that will be held on **Friday 9th November 2007 at Junior College Msida, starting 6.30 p.m.** The meeting will start with a very brief introduction regarding work being done in Adult ADHD section of the group. We will then be showing the second part of the video "123 Magic" which treats suggestions about behaviour modification. Afterwards there will be a discussion about points raised during such video.

The PSD sessions **are going** to be held. We do encourage you to bring your kids with AD/HD who are seven years of age and over for such sessions. The child minding services for children under seven years of age will be available as usual.

Ms Simone Schembri has successfully finished the coaching course she was doing. The group supported such training. In view of this the group will be offering such services to members at a reduced rate of Lm3.00 (EUR 6.99) per session. The offer relates to sessions under what is referred to as the First Contract which translates itself into six coaching sessions.

Regarding premises we have started the refurbishment of the garage we have rented at Msida. The next step at the same time is to await for the processing of the application for electricity so that we could then be able to use such premises for the purposes of an office and library for the group.

The group would like to express its congratulations to Philip Gruppetta, a member of the group and member of the team that Malta sent to the Special Olympics in Shangai. Philip participated in the field of bowling and won medals in both the Team and Individual events. Well Done Philip.

The committee is also working on a website for the group. Such website is already set in a static form, that is the address is booked and allocated. Ms Vivienne is coordinating the collation of information for such website (www.adhdmalta.org) which should be up and running in the near future.

Yours Sincerely
Olav Attard
Secretary AD/HD Family Support Group

Kaxxa Postali Nru 2, San Ġiljan STJ 1001 / Tel 21233749 (Answering machine – Ħalli messaġġ u nċemplulek aħna iktar tard).

2 ta' Novembru 2007

Ċirkulari Nru 118

Għeżież Membri

Wasal iż-żmien għal-laqgħa li jmiss ta' l-AD/HD Family Support Group ser issir nhar **il-Ġimgħa 9 ta' Novembru 2007 fil-Junior College Msida u tibda fis-6.30 ta' filgħaxija.** Il-laqgħa ser tibda b'introduzzjoni qasira dwar ix-xogħol li qed isir fis-sezzjoni ta' l-Adulti tal-Grupp. Wara ser tintwera t-tieni parti tal-vidjo "123 Magic" li jitratta dwar suġġerimenti għal bdil fl-aġir. Imbgħad issir diskussjoni fuq il-kontenut tal-vidjo.

Waqt il-laqgħa **ser** ikun hemm is-servizz tal-lezzjonijiet tal-PSD għat-tfal li għandhom l-AD/HD u li għandhom minn seba' snin 'l fuq. Is-servizz ta' tħaris tat-tfal li għandhom inqas minn seba' snin ser ikun provdut ukoll.

Ms Simone Schembri temmet b'suċċess il-Kors ta' "Coaching" li kienet qed tattendi. Il-grupp ta s-sapport tiegħu f'dan it-taħriġ. F'dan id-dawl il-grupp ser ikun qed joffri dan is-servizz lill-membri bi ħlas issussidjat ta' Lm3.00 (EUR6.99) kull sessjoni. L-offerta tirrelata ma dak li huwa msejjah bħala l-ewwel kuntratt li jfissru sitt (6) sessjonijiet ta' *coaching*.

Rigward il-post għall-grupp bdejna x-xogħol ta' manutenzjoni fil-garaxx li krejna ġewwa l-Imsida. Pass ieħor li qed isir huwa li nistennew l-applikazzjoni tas-servizz tad-dawl tiġi pproċessata sabiex imbagħad ikun jista' jintuża bħala uffiċċju u librerija għall-grupp.

Il-grupp jixtieq jifraħ lill-Philip Gruppetta, membru fil-grupp kif ukoll membru tat-tim li Malta tellgħet għall-i"Special Olympics" li saru f'Shangai dan l-aħħar. Philip ħa sehem fil-bowling u rebaħ midalji kemm bħala parti mit-tim kemm fuq bażi individwali. Nifirħulek Philip.

Il-kumitat qed jaħdem ukoll sabiex ikollna website tal-grupp. Din il-website bħalissa qegħeda tiffunzjona b'mod statiku. Dan ifisser li l-indirizz huwa mwarrab. Is-Sinjura Vivienne qed tiġbor l-informazzjoni kollha li ser tidher fuq dan is-sit elettroniku (www.adhdmalta.org) li dalwaqt ser ikun jiffunzjona b'mod sħiħ.

Dejjem Tagħkom,
Olav Attard
Segretarju Onorarju AD/HD Family Support Group